MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2009

Numru 341/2007

PULIZIJA
SPETTUR BERNARD SPITERI
VS
*OMMISSIS A*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, *Ommissis A*, ta' *ommissis*-il sena, iben *ommissis* u *ommissis*, imwieled *ommissis* fil-*ommissis* u residenti gewwa *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis*;

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-15 ta' April 2007 ghal habta ta' xi 7:00p.m., fi Triq *ommissis*;

a) B'eghmil zieni, kkorrompa lil persuna taht l-eta' u cioe lil *Ommissis B*, minorenni ta' *ommissis*-il sena u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' *Ommissis B*, minorenni ta' *ommissis*-il sena tas-sess il-wiehed jew l-iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mill-fatti spece tal-kaz jirrizulta b'mod lampanti illi l-eghmil ta' l-imputat *Ommissis A*, **minuri ta' *ommissis*-il sena**, kien wiehed innocenti ghal kollox mill-akkuzi koroh illi bihom jinstaghab akkuzat. Dan qieghed jinghad il-ghaliex dak illi gara sehh fi spirtu ta' cajt u inkejja bejn l-imputat u l-membri (zghazagh) kollha tal-familja tal-kwerelant illi kienu kollha prezenti. Dak illi gara kien illi l-imputat beda jinki lil kwerelanti, tifel ta' *ommissis*-il sena li ma kienx jaf jaghmel redgha, fost hafna dahq u cajt (u dana kollu quddiem oht il-minuri ta' *ommissis*-il sena u hu l-minuri ta' *ommissis*-il sena) l-imputat ghamel redgha fuq ghonq *Ommissis A*.

Il-minuri *Ommissis B*, ohtu *Ommissis C* u huh *Ommissis D*, kollha taw l-istess verzjoni, u cioe din kienet cajta u semmai loghob ta' l-idejn bejn tfal illi kienu ilhom hbieb sa minn ckunithom, u taw ukoll verzjoni tal-malizzja illi biha mar jaghmel ir-rapport missier il-minuri lil Pulizija.

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandha xejn x’taghmel ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------